Dan id-dokument ġie magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għodda ta' dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu

►B **IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 2065/2001**

tat-22 ta' Ottubru 2001

li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 104/2000 rigward it-tagħrif lill-konsumatur dwar prodotti tas-sajd u akwakultura

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(ĠU L 278, 23.10.2001, p. 6)

Emendat minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
►M1	Commission Regulation (EC) No 1792/2006 of 23 October 2006 (*)	L 362	1	20.12.2006
►M2	Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 519/2013 tal-21 ta' Frar 2013	L 158	74	10.6.2013

Emendat minn:

►A1	Att li jirrigwarda l-kondizzjonijiet ta' l-adeżjoni tar-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika ta' l-Estonja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika ta' l-Ungerija, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika tas-Slovenja u r-Repubblika tas-Slovakkja u l-aġġustamenti għat-trattati li fuqhom hija stabbilita l-Unjoni Ewropea	L 236	33	23.9.2003

(*) Dan l-att qatt ma ġie ppubblikat bil-Malti

▼B

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 2065/2001

tat-22 ta' Ottubru 2001

li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 104/2000 rigward it-tagħrif lill-konsumatur dwar prodotti tas-sajd u akwakultura

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISJONI TAL- KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi il-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 104/2000 tas-17 ta' Diċembru 1999 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti tas-sajd u akwakultura ([1]), kif l-aħħar emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 939/2001 ([2]) u b'mod partikolari l-Artikolu 4(4) migjub fih,

Billi:

(1) L-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 104/2000 jipprovdi li ċerti prodotti tas-sajd jistgħu jiġu offruti għall-bejgħ bl-imnut biss bil-kondizzjoni li numru ta' ħtiġijiet rigward it-tagħrif tal-konsumatur jiġu mħarsa. L-implikazzjonijiet ta' dik l-obbligazzjoni għandhom jiġu speċifikati.

(2) Għandu jkun possibbli li l-listi ta' deskrizzjoni kummerċjali aċċettati fit-territorju ta' l-Istati Membri jkunu jistgħu jinbidlu fid-dawl tal-ħtiġijiet tas-suq.

(3) Il-ħtiġijiet li jirregolaw it-tagħrif lill-konsumatur, b'mod partikolari fir-rigward tad-deskrizzjoni kummerċjali u l-metodu ta' ptoduzzjoni ta' speċi, u ż-żona li fiha tkun inqabdet, għandhom ikunu speċifikati.

(4) Kwantitajiet żgħar ta' prodotti jistgħu jiġu biss eżentati mill-obbligazzjoni fir-rigward ta' l-immarkar jew tikkettjar jekk ikunu jikkonformaw ma' numru ta' ħtiġijiet, li għandhom ikunu mfissra.

(5) L-iskop tat-tagħrif li għandu jiġi mgħoddi matul l-istadji kollha tal-katina tal-bejgħ għandhom jiġi speċifikati.

(6) Għandha ssir disposizzjoni biex l-Istati Membri jistabbilixxu arranġamenti għall-verifika tal-provenjenza tal-prodotti koperti b'dan ir-Regolament.

(7) Il-Miżuri li għalihom jipprovdi dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat ta' Amministrazzjoni tal-Prodotti tas-Sajd,

([1]) ĠU L 17, tal-21.1.2000, p. 22.
([2]) ĠU L 132, tal-15.5.2001, p. 10.

▼B

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

KAPITOLU I

Ambitu

Artikolu 1

Mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet applikabbli skond id-Direttiva 2000/13/EC tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]), dan ir-Regolament għandu jkun jgħodd għall-prodotti tas-sajd u akwakultura nklużi fil-listi u koperti bil-preżentazzjonijiet li jaqgħu taħt il-Kapitolu 3 tan-Nomenklatura Magħquda li huma mqiegħeda fis-suq fil-Komunita, irrispettivament mill-oriġini tagħhom, inklużi prodotti li jiġu pakkeġġati minn qabel.

KAPITOLU II

Tibdil fil-listi tad-deskrizzjonijiet kummerċjali u l-ħtiġijiet li jirregolaw it-tagħrif lill-konsumatur

Artikolu 2

1. Kull speċi li ma tkunx inkluża fil-lista tad-deskrizzjonijiet kummerċjali aċċettata minn Stat Membru tista' titqiegħed taħt deskrizzjoni kummerċjali provviżorja stabbilita mill-awtorità kompetenti ta' Stat Membru. Deskrizzjoni kummerċjali definittiva nkluża fil-lista ta' deskrizzjonijiet aċċettati għandha titniżżel mill-Istat Membru fi żmien ħames xhur mid-data li fiha l-ispeċi in kwistjoni jingħata d-deskrizzjoni kummerċjali provviżorja.

2. Kull tibdil fil-lista tad-deskrizzjonijiet kummerċjali aċċettata minn Stat Membru għandu jiġi notifikat minnufih lill-Kummissjoni, li għandha tavża b'dan lill-Istati Membri l-oħra.

Artikolu 3

Għall-finijiet ta' l-applikazzjoni ta' l-Artikolu 4(1)(a) tar-Regolament (KE) Nru 104/2000, id-deskrizzjoni kummerċjali ta' speċje għandha tkun kif stabbilita f'kull Stat Membru skond l-Artikolu 4(2) ta' dak ir-Regolament.

L-operaturi jisgħu wkoll jindikaw l-isem xjentifiku ta' l-speċi konċernati mal-bejgħ lill-konsumatur finali.

Artikolu 4

1. Ir-referenza għall-metodu ta' produzzjoni skond l-Artikolu 4(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 104/2000 għandha tkun tikkonsisti f'waħda mill-espressjonijiet li ġejjin, skond jekk il-prodott in kwistjoni jkunx inqabad, fil-baħar jew fl-ilma ħelu, jew li rriżulta minn akwakultura:

▼M1

— in Bulgarian:

"… уловени …" or "… уловени в сладки води …" or "… отгледани …",

([1]) ĠU L 109, tas-6.5.2000, p. 29.

▼B

— bl-Ispanjol:

"… pescado…" jew "… pescado en aguas dulces…" jew "… criado…",

▼A1

— biċ-Ċek:

… produkt byl uloven na moři … or "… ve sladkých vodách …", or "… nebo pochází z chovu …", "… uloveno v moři …" jew "… uloveno ve sladkých vodách …", jew "… nebo pochází z chovu …".

▼B

— bid-Daniż:

"… fanget…" jew "… fanget i ferskvand…" jew "… opdrættet…",

— bil-Ġermaniż:

"… gefangen…" jew "… aus Binnenfischerei…" jew "… aus Aquakultur…" jew "gezüchtet…",

▼A1

— bl-Eston:

"… püütud merest …" or "… püütud sisevetest …" or "… kasvatatud …", "… püütud merest …" jew "… püütud sisevetest …" jew "… kasvatatud …",

▼B

— bil-Griek:

"… a αλιευμένο…" jew "… αλιευμένο σε γλυκά νερά…" jew "… υδατοκαλλιέργειας. …",

— bl-Ingliż:

"… caught…" jew "… caught in freshwater…" jew "… farmed…" jew "… cultivated…",

— bil-Franċiż:

"… pêché…" jew "… pêché en eaux douces…" jew "… élevé…",

▼M2

— bil-Kroat:

"… ulovljeno u moru …" jew "… ulovljeno u kopnenim vodama …" jew "… uzgojeno …",

▼B

— bit-Taljan:

"… prodotto della pesca…" jew "… prodotto della pesca in acque dolci…" jew "… prodotto di acquacoltura…",

▼A1

— bil-Latvjan:

"… nozvejots jūrā …" or "… nozvejots saldūdeņos …" or "… izaudzēts …", "… nozvejots jūrā …" jew "… nozvejots saldūdeņos …" jew "… izaudzēts …",

— bil-Litwan:

"… sužvejota …" or "… sužvejota gėluose vandenyse …" or "… užauginta …", "… sužvejota …" jew "… sužvejota gėluose vandenyse …" jew "… užauginta …",

— bl-Ungeriż:

"… tengeri halzsákmányból …", "… édesvízi halzsákmányból …" jew "… akvakultúrából …",

— bil-Malti:

"… maqbud mill-baħar …" jew "… maqbud mill-ilma ħelu …" jew "… prodott ta' l-akwakultura …",

▼B

— bl-Olandiż:

"… gevangen …" jew "… gevangen in zoet water…" jew "… aquacultuurproduct…",

▼A1

— bil-Pollakk:

"… poławiane w morzu …" jew "… poławiane w wodach śródlądowych …" jew "… produkty pochodzące z chowu lub hodowli …",

▼B

— bil-Portugiż:

"… capturado…" jew "… capturado em água doce…" jew "… de aquicultura…",

▼M1

— in Romanian:

"…pescuit…" or "…pescuit în ape dulci…" or "…produs de acvacultură…",

▼A1

— bis-Slovakk:

"… produkt morského rybolovu …" or "… produkt zo sladkovodného rybárstva …" or "… produkt farmového chovu rýb …",

— bis-Sloven:

"… ujeto …" or "… ujeto v celinskih vodah …" or "… vzrejeno …" jew "… gojeno …",

▼B

— bil-Finlandiż:

"… pyydetty…" jew "… pyydetty makeasta vedestä…" jew "… viljelty…",

— bl-Isvediż:

"… fiskad…" jew "… fiskad i sötvatten…" jew "… odlad…".

— bil-Malti:

"… maqbud…" jew "… maqbud fl-ilma ħelu…" jew "… imrobbi…" jew "… koltivat…",

2. Fil-każ ta' speċi maqbuda fil-baħar, l-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw l-ommissjoni tar-referenza għall-metodu ta' produzzjoni mal-bejgħ lill-konsumatur finali bil-kondizzjoni li jkun ovvju mid-deskrizzjoni kummerċjali u ż-żona tal-qbid li jkunu speċi maqbuda mill-baħar. Awtorizzazzjoni ta' dan it-tip tista' ma' tingħatax jekk ikun hemm dubbju dwar il-metodu ta' produzzjoni.

3. Għall-finijiet ta' l-indikazzjoni tal-metodu ta' produzzjoni, il-prodotti mrobbija għandhom ikunu dawk li jirriżultaw mill-akwakultura kif deskritta fil-paragrafu 2.2(a) ta' l-Anness III għar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2792/1999 ([1]).

Artikolu 5

1. L-indikazzjoni taż-żona tal-qbid skond l-Artikolu 4(1)(c) tar-Regolament (KE) Nru 104/2000 għandha tkun tikkonsisti f'dan li ġej:

(a) fil-każ ta' prodotti maqbuda fil-baħar, referenza għall-waħda miż-żoni msemmija fl-l-Anness għal dan ir-Regolament;

(b) fil-każ ta' prodotti maqbuda fl-ilma ħelu, referenza għall-Istat Membru jew pajjiż terz ta' l-oriġini tal-prodott;

([1]) ĠU L 337, tat-30.12.1999, p. 10.

▼B

(ċ) fil-każ ta' prodotti agrikoli, referenza għall-Istat Membru jew pajjiż terz li fih il-prodotti jgħaddu mill-istadju finali ta' żvilupp. Fejn il-prodott jitrabba f'aktar minn Stat Membru jew pajjiż terz wieħed, l-Istat Membru li fih jinbiegħ lill-konsumatur finali jista' fiż-żmien ta' bejgħ bħal dak jawtorizza l-Istati Membri jew pajjiżi terzi varji li fihom jitrabba li jiġu indikati.

2. L-operaturi jistgħu jindikaw iż-żona tal-qbid aktar preċiża.

Artikolu 6

1. Fejn tiġi offruta għal-bejgħ kombinazzjoni ta' speċi differenti, l-indikazzjonijiet li ssir riferenza għalihom fl-Artikolu 4(1) tar-Regolament (KE) Nru 104/2000 għandhom jiġu provduti għal kull speċje.

2. Fejn tiġi offruta għall-bejgħ kombinazzjoni magħmula mill-istess speċje iżda li tkun ġejja minn metodi varji ta' produzzjoni, il-metodu ta' kull lott għandu jiġi ndikat. Fejn tiġi offruta għall-bejgħ kombinazzjoni li tkun tikkonsisti fl-istess speċje iżda li tkun ġejja minn varjetà ta' żoni ta' qbid jew pajjiżi ta' trobbija tal-ħut, għandha tiġi dikjarata ta' l-anqas iż-żona tal-grupp li jkun l-aktar rappreżentattiv f'termini ta' kwantità, flimkien ma' indikazzjoni li l-prodotti ġejjin ukoll minn żoni differenti ta' qbid u ta' trobbija tal-ħut.

Artikolu 7

Għall-finijiet ta' l-applikazzjoni ta' l-Artikolu 4(1) tar-Regolament (KE) Nru 104/2000, kull Stat Membru għandu jistabbilixxi il-kwantitajiet żgħar ta' prodotti li jinbiegħu dirett lill-konsumatur, bil-kondizzjoni li dawn ma jeċċedux il-valur ta' EUR 20 għal kull xirja. Dawn il-kwantitajiet żgħar jistgħu jigu biss min-negozju tal-bejjiegħ stess.

KAPITOLU III

Rintraċċabbiltà u kontroll

Artikolu 8

L-informazzjoni meħtieġa dwar id-deskrizzjoni kummerċjali, il-metodu ta' produzzjoni u żożna tal-qbid għandhom ikunu disponibbli f'kull stadju tat-tqegħid fis-suq ta' l-ispeċji konċernati. Din l-informazzjoni flimkien ma' l-isem xjentifiku ta' l-ispeċi konċernati għandhom jiġi provduti permezz ta' l-ittikkettjar jew l-ippakkeġġar tal-prodott, jew permezz ta' dokument kummerċjali li jakkumpanja l-oġġetti, nkluża l-fattura.

Artikolu 9

1. l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu l-arranġamenti għall-verifika ta' l-applikazzjoni ta' l-Artikolu 8.

2. l-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni, malli dawn jiġu addottati u sal-31 ta' Marzu 2002 l-aktar tard, bil-miżuri meħuda taħt il-paragrafu 1. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni sal-31 ta' Marzu 2002 l-aktar tard bil-miżuri eżistenti li jikkonformaw mal-ħtiġijiet ta' l-Artikolu 8.

▼B

KAPITOLU IV

Disposizzjonijiet finali

Artikolu 10

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-seba' jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Għandu jkun jgħodd mill-1 ta' Jannar 2002. Iżda, prodotti mqiegħeda fis-suq jew tikkettjati qabel dik id-data u pakketti li ma jikkonformawx ma' dan ir-Regolament jistgħu jitqegħdu fis-suq sakemm il-ħażniet jintużaw kollha.

Dan ir-Regolament għandu jkun jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

▼B

ANNESS

Żona tal-qbid	Identifikazzjoni taż-żona (1)
Majjistral ta' l-Atlantiku	Żona 21 FAO
Grigal ta' l-Atlantiku (2)	Żona 27 FAO
Baħar Baltiku	Erja 27.IIId FAO
Majjistral Ċentrali ta' l-Atlantiku	Żona 31 FAO
Grigal Ċentrali ta' l-Atlantiku	Żona 34 FAO
Il-Lbiċ ta' l-Atlantiku	Żona 41 FAO
Ix-Xlokk ta' l-Atlantiku	Żona 47 FAO
Il-baħar Mediterran	Żoni 37.1, 37.2 u 37.3 FAO
Baħar l-Iswed	Żona 37.4 FAO
Oċean Indjan	Żoni 51 u 57 FAO
Oċean Paċifiku	Żoni 61, 67, 71, 77, 81 u 87 FAO
Antartiku	Żoni 48, 58 u 88 FAO

(1) Yearbook tal-FAO. Statistiċi tas-sajd. Qabdiet. Vol. 86/1. 2000.
(2) Esklużż il-Baħar Baltiku.